# Il-Ħadd 18.10.2015

1. Illum, il-Ħadd 18/10: il-Ġurnata Missjunarja:
   - Qed jittella' Bazaar fuq iz-zuntier tal-knisja u l-offerta tal-quddies tmur għal dan l-iskop: li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità.
   - Infakkru ukoll li tqassmu xi envelops mal-Magazin 'Flimkien' biex tkunu tistgħu tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom. Dawn l-envelops għandhom jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien' jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti.
   - Fid-9:00am - L-*Aid to the Church in Need* qed tħeġġeġ lit-tfal biex jingħaqdu fit-talba tar-Ružarju għall-għaqda u l-paċi fil-familji, fil-pajjiżi u fid-dinja kollha. Minn fejn ikunu dak il-ħin, it-tfal flimkien ma' dawk li jieħdu ħsiebhom huma mħeġġa jitolbu din it-talba.

2. It-Tnejn 19/10:-
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mat-tfal (Subien u Bniet)
     li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

3. It-Tlieta 20/10:-
   - Fid-9:30am - Il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
     Kulħadd mistieden.

4. Il-Ħamis 22/10:-
   - Fil-5:00pm - Qrar għat-Tfal li ser jagħmlu l-Griżma.

5. Il-Ġimgħa 23/10:-
   - Fil-5:00pm - Rehearsal u l-Aħħar preparamenti għall-Griżma.

6. Is-Sibt 24/10:-
   - Mit-8:30am sad-9:00am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Mill-5:00pm sas-6:00pm ikollna l-Qrar għall-Ġenituri u Parrini.

7. Il-Ħadd 25/10, Jum il-Bibbja u Jum il-Griżma tal-Isqof:
   - Fit-3:15pm tiftaħ il-knisja biex kulħadd isib postu u nilqgħu lill-E.T. Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona o.p., li ġej fostna jamministra s-Sagrament tal-Griżma.
     Nifirħu lit-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 10 subien u 17 bniet.
     Fl-4:00pm tibda ċ-ċelebrazzjoni. ***Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm***.

8. Avviż oħra:
   - Infakkar li matul dawn il-jiem ser issir l-ordni biex jinxtraw siġġijiet ġodda (*fodable*) biex jintużaw għall-quddies taċ-Ċimiterju. Infakkar li kull siġġu ser jiġi jiswa € 15, u ser nagħmlu xi spejjeż ukoll biex nirranġaw kamra ħalli nkunu nistgħu nżommuhom fiha. Min hu interessat li jisponsorja parti mill-ispiża ta' dan il-proġett mitlub jiġi jinkiteb fis-Sagristija jew fl-Uffiċċju Parrokkjali matul din il-ġimgħa, ħalli nkunu nistgħu niffinanzjawhom u nibdew nużawhom minn Novembru 'l quddiem.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 200 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa.
   - € 415 bħala donazzjonijiet li nġabru mill-voluntiera tal-Malta Hospice Movement
     fil-weekend li għadda. Jirringrazzjawkom mill-qalb tal-ġenerożità.